Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-18 ta' Frar 2025**

**Distrett Zurrieq**
**Kaz nru. 8853/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Andrew Agius Bonello)**

**Versus**

**Nejah Nasrallah**
**(49111L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Nejah Nasrallah**, detentrici tal-karta tal-identita' 49111L.

Akkuzata talli bejn it-22 ta' Frar 2024 u s-26 ta' Frar 2024 gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Gabet ruhha b'tali mod li tat fastidju lil Joseph Chircop, u b'mod li kienet taf jew missha kienet taf li dak li ghamlet kien ta' fastidju ghal Joseph Chircop.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Chircop skont l-Art. 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Ancel Farrugia fejn qal illi hu jahdem il-Parlament u fit-22 ta' Frar 2024, kien ircieva telefonata minghand persuna li qaltlu li Joseph Chircop, li kien jahdem mas-Segretarju Parlamentari tal-anzjanita', ghax kellu l-karozza tal-ministeru, kien razzista u kien tefaghlha affarijiet mill-gallarija. Ix-xhud kompla jghid li din il-persuna ma jafx ghalfejn cemplet lilu, imma jista' jkun minhabba li hu Segretarju Privat tal-iSpeaker, ghax talbitu biex jiehu passi kontra Chircop. Din il-persuna ma jafx x'kien jisimha u qatt ma ltaqa' maghha wicc imbwicc, izda qaltlu li kienet gar ta' Chircop, iz-Zurrieq, u kienet tinstema' barranija bl-accent Gharbi. It-telefonata damet xi 20 minuta u wara din il-persuna ma regghetx cemplet. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonferma li qaltlu wkoll li riedet li Joseph Chircop ma jdejjaqhiex aktar. Hu ghadda l-informazzjoni lis- Segretarju Parlamentari li kien jahdem mieghu Joseph Chircop, imma ma kellimx lil Joseph Chircop direttament.

Illi xehed Dr. Malcolm Paul Agius Galea, fejn qal illi kien ra lill-imputata darba waqt illi kien tiela' t-tarag ta' Kastilja, u ppruvat twaqqfu u baqghet tigri warajh. Kien ftit jiem wara li kien kellmu Ancel, fejn kien qallu li kien ircieva telefonata li Joseph Chircop kien razzista. Joseph Chircop kien ic-Chief of Staff, u Head of Security tieghu, u kien persuna li jafda. Hu kien kellem lil Joseph li kien qallu li din dejjem bl-istess storja u li gennitu u haliflu li mhux tort tieghu. Hu wiegbu li kellu fiducja fih u biex jissortja l-affarijiet. Ftit jiem wara kien 25 jew 26 ta' Frar 2024, il-persuna li gharaf fl-awla bhala l-imputata, ippruvat twaqqfu fit-tarag ta' Kastilja u semmietlu lil Joseph Chircop, u hu qalilha biex ma tkellmux u baqghet tiela' warajh fuq it-tarag.

Illi xehed il-*parte civile* Joseph Chircop fejn qal li l-imputata kienet kellmet lil Ancel Farrugia fit-22 ta' Frar 2024, u ftit wara kellmu s-Segretarju Parlamentari u qallu li kien kelmu Ancel dwaru, in konnessjoni mat-telefonata, u fis-26 ta' Frar 2024 l-imputata kienet telghet tigri wara s-Segretarju Parlamentari waqt illi kien tiela' t-tarag ta' Kastilja. Hu jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff, u li l-imputata kienet irraportat li hu juza' l-karozza tal-ministru, li kellu dritt juzaha u li hu kien razzist. Wara li din il-Qorti kienet hargitlu *protection order* , hi bdiet tipprovokah u b'hekk kien mar ghand l-avukat biex jaghmel kwerela, biex hi thallieh bil-kwiet ghax

kienet qiegħda tagħtih fastidju u tipprova ttelliflu x-xogħol wara li kien għinha.  Ancel ried jinforma lis-Segretarju Parlamentari, li c-Chief of Staff tiegħu kellu każijiet pendenti l-Qorti, u hu tah il-kelma li ma kienx ser jikser il-protection order, u qatt ma hares qatt iżjed lejha. Għalkemm kif tarah mill-gallarija dieħel id-dar, l-imputata toħroġ mill-bieb biex jaħbtu fit-taraġ,  hu jinjoraha u jerġa' joħroġ, biex jidħol wara li toħroġ hi.  L-imputata kienet għamlet il-cameras biex tkun taf fi x'ħin jkun dieħel jew ħiereġ mid-dar. Lilu ma kellmitux imma kellmet lill-iSpeaker tal-kamra biex ittelfu x-xogħol u dan huwa fastidju.

Illi xehdet Nejah Nasrallah fejn qalet illi kienet għaddejja minn żmien ħażin ħafna u ġew tac-child protection għal bintha l-iskola u kienet daħlet ukoll l-isptar u kellha recording ta' x'kien jagħmlilha Joseph Chircop u b'hekk iddeċediet li ċċempel lill-awtoritajiet kollha, lill-Kummissarju, Uffiċju tal-Prim Ministru, Uffiċju tal-iSpeaker għal-għajnuna għax il-ħsara kollha li ġrat lit-tifla kienet minħabba fih. Meta ċemplet biex tkellem lis-Speaker ħadulha d-dettalji u ċemplulha lura u t-telefonata damet xi siegħa. Qaltlu fuq ic-child protection, li ħa jeħdulha lit-tifla, fuq il-blue badge u li ġiet mhedda li jekk ma' twaqqax l-akkużi jkun tard wisq, li kif jagħlaqha bil-karozza ma tkunx tista' toħroġ, kif jgħajjat mat-tifla u li kellha footage. Hi ppreżentat USB li ġie mmarkat NN1. Joseph Chircop kien bagħtilha messaġġ fuq messenger fis-26 ta' Ġunju 2021 fuq razziżmu. Hi kienet qalet lis-Sur Farrugia li kienet għamlet kuntatt mal-Uffiċju tal-Prim Ministru u kienet kelmet lil Francesca u Amy u qalulha li kienu ser jerġgħu jċemplulha, imma ma ċemplulhiex. Marret tistenna lis-Segretarju Parlamentari fuq it-taraġ, għax kienet taf illi kien hemm laqgħa tal-cabinet biex tipprova tkellmu imma dan ma tahiex ċans tkellmu. Hi ċemplet lil dawn kollha biex jgħinuha fuq it-tifla biex jsibulha soluzzjoni mhux biex tirraporta lil Chircop.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawża hija dwar fastidju u dan sabiex jiġi ippruvat ma jridx jkun każ iżolat. Inħarġu l-akkużi fil-konfront tal-imputata wara li saret kwerela mill-*parte civile* Joseph Chircop li l-imputata kienet qiegħda tavviċina diversi persuni f'karigi għoljin sabiex tagħmel ħsara lilu fuq il-post tax-xogħol tiegħu. L-imputata tgħid illi kienet għaddejja minn żmien ħażin u beżgħat li tac-Child Protection kienu ser jeħdulha lit-tifla, u ta' dan kien jaħti Joseph Chircop, għalkemm tgħid ukoll illi kienet qiegħda tkellem lil Awtoritajiet biex jgħinuha u mhux biex tirraporta lil Joseph Chircop,

ghalkemm kieku dan kien minnu ma' kienx jkun hemm ghalfejn li l-imputata ssemmi lil Joseph Chircop.

Illi ghalkemm Ancel Farrugia ma kienx jaf min kienet il-persuna li kellmitu fuq it-telefon,din qaltlu illi kienet gara ta' Jospeh Chircop, u s-Segretarju Parlamentari Dr Malcolm Paul Agius Galea ikkonferma illi l-imputata kienet il-persuna li marret tkellmu rigward l-*parte civile* Joseph Chircop, u d-dettalji li kien tah l-istess Ancel Farrugia wara li rcieva telefonata rigward Joseph Chircop, ikkombacjaw ma' l-informazzjoni li nghatat mill-imputata stess kif ukoll mill-*parte civile* Joseph Chircop.

Illi l-imputata ammettiet hi stess illi tkellmet ma' Ancel Farrugia fuq it-telefon, u marret tkellem lis-Segretarju Parlamentari Dr Malcolm Paul Agius Galea hu u diehel Kastilja, dwar Joseph Chircop, u l-Qorti temmen bi shih li dan ghamlitu sabiex taghmel il-hsara lil Joseph Chircop u b'dan l-agir tat fastidju lil istess Joseph Chircop f'diversi okkazzjonijiet.

Illi l-Qorti wara li rat d-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputata gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7, u 251A(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-**imputata Nejah Nasrallah hatja ta' l-akkuza migjuba kontriha** u qed tikkundannaha ghal piena ta' **sena (1) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Joseph Chircop ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeghda torbot lill-imputata **Nejah Nasrallah** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum** u dan billi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma tingurjax lill- *parte civile* **Joseph Chircop.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hatja u x'jigri jekk hi ma toqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Garanzija Personali, jew jekk tikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**